

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Potsdam (il-Ġermanja) fis-7 ta' Marzu 2023 – Gesellschaft für musikalische Aufführungs- und mechanische Vervielfältigungsrechte (GEMA) vs GL

(Kawża C-135/23, GEMA)

(2023/C 252/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgerichts Potsdam

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Gesellschaft für musikalische Aufführungs- und mechanische Vervielfältigungsrechte e.V. (GEMA)

Konvenut: GL

Domanda preliminari

Hemm komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni⁽¹⁾ meta l-operatur ta' binja ta' appartamenti jqiegħed għad-dispożizzjoni, f'din il-binja, televiżjonijiet li jirċievu xandriet permezz ta' antenna ta' ġewwa mingħajr ma hemm riċeżżjoni ċentrali sabiex tittrażmetti s-sinjal?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 17, Vol. 1, p. 230.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelnym Sąd Administracyjnym (il-Polonja) fit-22 ta' Marzu 2023 – Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej vs J.S.

(Kawża C-182/23, Makowit⁽¹⁾)

(2023/C 252/16)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelnym Sąd Administracyjny

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej

Konvenut: J.S.

Domanda preliminari

Id-dispożizzjoni jiet magħquda tal-Artikolu 9(1) u tal-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud⁽²⁾ għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li bidwi suġġett għall-VAT fil-kuntest tas-sistema ġenerali li jittraferixxi permezz ta' esproprjazzjoni l-proprietà ta' biċċa art lit-Teżor bil-ħlas ta' kumpens marbut mal-bdil ta' użu tagħha għal finijiet mhux agrikoli jitqies bħala suġġett għall-VAT fuq din il-kunsinna unikament minħabba li din l-art intużat għall-bżonnijiet ta' attivitā agrikola suġġetta għall-VAT?

(¹) L-isem ta' din il-kawża huwa wieħed fittizju. Ma jikkorrispondi mal-isem reali ta' ebda parti fil-proċedura.

(²) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettiffika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.